# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.3

**Kap 1: Jien u l-Oħrajn**

**Lezzjoni 1.3 – Inħobb u nuri rispett**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu r-rispett u l-imħabba marbuta mal-familja jew mal-persuni li jgħixu magħhom jew li qed irabbuhom.
2. Jagħrfu kif huma jgħixu t-twemmin tagħhom fl-ambjent tagħhom.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Karta ta' Taħriġ 1.3 : Inħobb u nuri rispett (mill-Ktieb)
- IWB /pinna
- Video Clip : *Our Duty Towards Our Family* https://www.youtube.com/watch?v=cx2GDpwf7Qs&spfreload=10

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Aqsam l-IWB f'żewġ kolonni.
2. F'Kolonna A aħdem mat-tfal lista ta' affarijiet li juruna kemm il-familja tħobbna.
3. F'Kolonna B aħdem lista ta' affarijiet li bihom nuru li aħna nħobbu lill-membri tal-familja tagħna.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega li ħafna huma d-drabi meta nippretendu ħafna ħwejjeġ minn min jieħu ħsiebna. Tant nidrawhom li lanqas biss ngħidu "grazzi". Nieħdu l-affarijiet *for granted*. Ir-rispett lejn min jieħu ħsiebna huwa sabiħ. Kulħadd jieħu pjaċir bil-kelma "grazzi" u kulħadd jieħu pjaċir iħossu appprezzat.
2. Naraw il-video clip : *Our Dutry Towards Our Family* .
3. Insemmu xi punti tajbin li dehru fih. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.3. Aqra s-silta mogħtija u spjegaha.
4. Waqt li tiddiskuti u tispjega Attività 1, stieden lit-tfal ipinġu bl-isfar jew bl-aħdar skont is-sentenza.
5. Spjega Attività 2 u agħti ftit ħin lit-tfal jaħsbu biex jimlew il-qalb.
6. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-fatt tas-sabiħ tan-nuqqas ta' tgergir u li napprezzaw dak li jsir għalina.
7. Agħlaq il-lezzjoni b'talba qasira.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Nitgħallmu nuru rispett lejn il-membri tal-familja.
2. Ma niddejqux ngħidu *grazzi* u *inħobbok* lil min jieħu ħsiebna.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li kapaċi jgħinu b'mod konkret. B'dan il-mod juru li huma parti minn familja mhux biex jirċievu biss imma biex jagħtu sehemhom ukoll u ma jgergrux  għal kull ħaġa ta' xejn .



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

**Video Clip : *Our Duty Towards Our Family***

https://www.youtube.com/watch?v=cx2GDpw  d=10

## Nitolbu



Mulej, aħfrilna ta' kemm-il darba ma apprezzajniex dak li l-ġenituri għamlu magħna. Aħrilna ta' kemm ma wrejnihomx rispett u nqasna milli ngħidulhom 'grazzi'.